MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 3/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs.**

**Dr. Jose` Herrera**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat fuq indikat datata l-20 t' Awwissu tas-sena 2008, fejn fuq kwerela ta' Dr. Marc Bonello, kemm personali, kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' *"Chairman"* tal-Awtorita` Marittima ta' Malta, l-istess imputat *de quo* fil-15 ta' Ottubru tas-sena 2008, tressaq quddiem din il-qorti diversament preseduta biex iwiegeb ghall-akkuza dedotta kontra tieghu;

Rat il-kwerela datata s-26 ta’ Frar tas-sena 2008;

Rat il-verbal tal-imputat datat il-15 t’ Ottubru tas-sena 2008, li permezz tieghu l-istess imputat iddikjara s-segwenti:

1. Illi m’ hux hati;

2. Illi jeccepixxi l-prova tal-verita`;

Rat wkoll il-verbal datat is-16 t’ April, 2009, li permezz tieghu l-istess imputat eccepixxa ulterjorment is-segwenti:

1. Illi dawn il-proceduri huma nulli;

2. Illi din in-nullita` processwali qed tigi sostenuta peress illi bhala kawza istitwita fuq il-kwerela tal-parti privata, din ma kelliex titmexxa mill-pulizija;

3. Illi ghaldaqshekk, il-kwerelat qatt ma kellu jigi mressaq il-qorti fuq akkuza imressqa mill-pulizija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kwerelat datata l-11 ta’ Mejju tas-sena 2009;

Rat ir-risposta tal-kwerelant datata s-7 t’ Ottubru tas-sena 2009;

Rat in-nota datata s-26 t’ Ottubru tas-sena 2009, fejn gie rilevat li minn din id-data il-process gie trasferit quddiem din il-qorti kif issa preseduta;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet rigwardanti l-eccezzjoni preliminari fuq indikata;

Ikkunsidrat:

Illi issa din il-qorti kif preseduta hi f' posizzjoni li tiddetermina l-eccezzjoni preliminari tal-kwerelat li tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna qed tigi istitwita kontra l-kwerelat ai termini tal-artikolu II ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap 248, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi din il-procedura qed tigi immexxija mill-Pulizija Ezekuttiva *"ex officio",* kif jidher *"ictu oculi"* mill-istess komparixxi promotrici;

3. Illi l-kawza odjerna hi wahda ta' natura sommarja;

4. Illi ai termini tal-artikolu 31 (1) tal-imsemmi Att, Kap. 248, l-azzjoni kriminali in dizamina, senjatament dik intavolata ai termini tal-artikolu 11 ta' dan l-istess Att, tibda biss bi kwerela tal-parti offiza;

5. Illi jsostni li f' kaz ta' reati msemmija fl-artikolu 370 (1) tal-Kap.9, fejn l-azzjoni ma tistax timexxa hlief bil-kwerela tal-offiz, l-ezercizzju ta' l-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz, u allura, m' hux lill-Pulizija Ezekuttiva;

6. Illi ghalhekk il-kwerelat jallega li l-azzjoni odjerna tilledi d-dritt tieghu ghall-liberta` tal-espressjoni u allura hi nulla;

7. Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni preliminari l-kwerelat ipprezenta kopja ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs l-Onorevoli Dottor Joseph Brincat et datata l-5 ta' Ottubru tas-sena 1992;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni tal-kwerelant fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni preliminari tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi ai termini tal-artikolu 27 tal-Kap. 248 l-azzjoni kriminali hi indipendenti mill-azzjoni civili u li in effetti, iz-zewg azzjonijiet jistghu jsiru kemm fl-istess zmien, kif ukoll separatament;

2. Illi t-talba tal-kwerelant hi ibbazata fuq dan l-artikolu fuq indikat;

3. Illi meta l-kwerelant ghazel din il-procedura partikolari, hu ghamel dan b’ mod li hu konsonu mal-ligi;

4. Illi meta l-kwerelant ghazel li jintavola din il-procedura partikolari ghamel hekk fid-dawl tal-limiti tal-artikolu 31 tal-Kap. 248 billi ipprezenta, kif dovut, il-kwerela tieghu skont il-ligi, liema kwerela hi datata is-26 ta’ Frar tas-sena 2008, (ara fol. 2);

5. Illi *di piu`*, l-istess kwerelat isostni l-istitwixxa wkoll procedura ta’ natura civili fuq l-istess meritu, liema procedura hi pendenti quddiem l-istess qorti, (Sede Civili), diversament preseduta;

6. Illi l-azzjoni odjerna intavolata u immexxija mill-Pulizija Ezekuttiva fuq l-istanza tal-kwerelant skont il-ligi kif fuq indikat hi biss azzjoni in tutela tad-drittijiet tieghu kif statutorjament dispost;

7. Illi ai termini tal-artikolu 373 tal-Kap 9, meta jiskadu erbat (4) ijiem mid-data tal-allegat reat u l-persuna offiza ma tutilizzax dan id-dritt partikolari statutorju, l-istess Pulizija Ezekuttiva tista`, minn jdeddha – tagixxi kontra l-

allegat malafamant – azzjoni li m’ hix il-meritu tal-eccezzjoni odjerna;

8. Illi l-azzjoni odjerna hi wahda assodata u giet esegwita diversi drabi fil-*forum* odjern, f’ kazijiet simili;

9. Illi stante li din il-procedura hi statutorjament suffragata u proceduralment ineccepibbili, allura l-kwerelant m’ hemm xejn li jinnegalu d-dritt tieghu li jippersegwixxi l-azzjoni odjerna;

10. Illi rigward id-dritt tal-espressjoni sollevat mill-kwerelat, il-kwerelant isostni li dan bl-ebda mod ma jfisser li hu estiz ghal malafama jew ghall-lezjoni tar-reputazzjoni legittima ta’ persuna;

Ikkunsidrat:

Illi kif tajjeb jissolleva l-kwerelant, kull allegata lezjoni tad-dritt ghar-reputazzjoni tajba sollevata taht l-Att dwar l-Istampa jaghti lok ghall-azzjoni bi-polari, senjatament dik *kriminali*, u dik *civili*, u dawn jistghu jew jigu introdotti konguntivament fil-*forum* opportun jew, min hu dovut, jaghzel li jippersegwixxi azzjoni minnhom partikolari;

Illi fil-kaz odjern, kif hu d-dritt tieghu, jirrizulta li l-kwerelant ghazel li jintraprendi z-zewg proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi effett ta’ din id-decizjoni stante li fuq kerela tal-parti allegatament malafamata intavolata fejn dovut skont il-ligi, il-Pulizija introducew il-procedura odjerna;

Illi ghalhekk il-procedura oderna hi wahda ta’ natura pubblika fejn il-Pulizija Ezekuttiva qed tirrapprezenta l-Istat fit-tutela tal-azzjoni kriminali persegwita`;

Illi ezami tal-kwerela prodotta mill-kwerelant quddiem l-awtorita` kompetenti, f’ dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija, datata s-26 ta’ Frar tas-sena 2008, u ipprezentata *in atti* kif dovut bhala dokument essenzjali f’ din il-procedura, juri li l-kwerelant kien ghal kollox konformi mal-procedura minnhu rikjesta kemm fl-Att dwar l-Istampa kif ukoll fl-artikolu 373 tal-Kap 9;

Illi gialadarba l-kwerelant ghamel dak minnhu statutorjament rikjest hu issa f’ idejn il-Pulizija Ezekuttiva li ghandha r-responsabbilita` socjali, kif statutorjament fuqha impost, li tippersegwixxi l-procedura skont il-ligi;

Illi fid-dawl tar-rizultanzi kif fuq sintetikament elenkati din il-qorti ma ssib xejn x’ tincensura la, fil-procedura kif maghzula mill-kwerelant u lanqas, fil-ghazla tal-azzjoni odjerna, kif identifikata u presegwita mill-Pulizija Ezekuttiva;

Illi fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata l-5 ta’ Ottubru tas-sena 1992, ghandu jinghad li l-fattispeci tal-kazijiet in dizamina m’ humiex l-istess stante li jidher li f’ dik il-procedura partikolari ma jirrizultax li kien hemm il-kwerela tal-parti bhala ma hu l-kaz fil-procedura odjerna;

Ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-kwerelat kif fuq esposti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------